QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

IMHALLEF

ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI
B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.

**Illum l-Erbgha, 13 ta' Marzu, 2024**

**Kawża Numru: 2**

**Rikors Guramentat Numru:- 331/2015 JVC**

**Francis Agius (bil-karta tal-Identita' Numru 0035764M) flimkien ma' martu Yvonne Agius (bil-Karta tal-identita Numru 057364M)**

**vs**

**(1) Anthony u Salvina, konjugi Bonnici**
**(2) Joseph Agius u permezz ta' digriet datat 29 ta' April 2021 l-**

**atti gew trasfuzi f'isem Salvina sive Sylvia Bonnici stante li Joseph Agius miet fil-mori tal-kawza**

**(3) Ryan u Norbert, ahwa Bonnici, ulied l-intimati l-ohra Anthony u Salvina, konjugi Bonnici**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat illi permezz tieghu r-rikorrenti Agius talbu kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrent Francis Agius huwa proprjetarju tal-porzjon diviza ta' art ta' kejl ta' circa tomna fl-inhawi maghrufa bhala ' Iz-Zonqor' f'Marsascala b'faccata fuq Triq il-Blajjiet illi hija mberfla bl-ahmar fuq il-pjanta li qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok.'A'.

2. Illi din il-porzjon diviza t'art kienet inxtrat mir-rikorrent Francis Agius mill-poter taz-zija tieghu Maria mart Joseph Farrugia permezz ta' kuntratt pubbliku datat 28 ta' Jannar, 1987 in atti Nutar Dottor George Cassar (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'B').

3. Illi l-imsemmija Maria mart Joseph Farrugia, il-precedenti fit-titolu tar-rikorrent Francis Agius, kienet akkwistat din il-porzjon diviza ta' art permezz ta' kuntratt pubbliku ta' divizjoni u assenjazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo

Lia tas-26 ta' Dicembru, 1965 (kopja hawn annessa bhala Dok. 'C').

4. Illi, oltre dan, ir-rikorrenti jiddetjenu b'titolu ta' kera minghand id-Dipartiment Proprjeta' tal-Gvern il-porzjon diviza ta' art ta' kejl ta' circa 1,644 metri kwadri b'faccata fuq Triq il-Blajjiet, Zonqor, Marsascala, li hija indikata fuq il-pjanta hawn annessa bhala Dok.'D', liema porzjon diviza ta' art tikkomprendi wkoll nofs it-trejqa li hija kulurita bil-lewn isfar fuq l-imsemmija pjanta mill-punt immarkat bl-ittra 'P' sal-punt immarkat bl-ittra 'Q' fuql-imsemmija pjanta – u dan kif evidenzjat mill-annessi dokumenti li komplessivament qed jigu mmarkati bl-ittra 'E'.

5. Illi r-rikorrenti jiddetjenu wkoll bl-istess titolu ta' kera minghand id-Dipartiment Proprjeta' tal-Gvern il-porzjon diviza ta' art kontigwa ghall-porzjon diviz t'art imsemmija fil-paragrafu precedenti (numru 4) tal-kejl circa 4,618 metri kwadri b'faccata fuq Triq il-Blajjiet, Zonqor, Marsascala, li hija indikata fuq il-pjanta hawn annessa bhala, Dok. 'F', liema porzjon diviza ta' art tikkomprendi wkoll nofs it-trejqa li hija kulurita bil-lewn isfar fuq l-imsemmija pjanta mill-punt immarkat bl-ittra 'R' sal- punt immarkat bl-ittra 'S' fuq l-imsemmija pjanta- u dan kif evidenzjat mill-annessi dokumenti li komplessivament qed jigu mmarkati bl-ittra 'G'.

6. Illi l-intimati jirrisjedu fi u jokkupaw ir-razzett li huwa mmarkat ghall-finijiet ta' spjegazzjoni bl-ittra 'X' fuq il-pjanta hawn annessa bhala Dok.'A'.

7. Illi l-imsemmi razzett huwa accessibli direttament mit-triq pubblika, u cioe' Triq il-Blajjiet,Marsascala.

8. Illi minkejja dan l-intimati jew min minnhom ilhom certu zmien, minghajr ebda jedd, dritt jew titolu, jghaddu kemm bil-mixi izda prevalentement bil-vettura, minn got-trejqa delineata bil-lewn ahdar fuq il-pjanta annessa bhala Dok.'A', u cioe' t-trejqa li fil-parti kulurita bil-lewn isfar ir-rikorrenti jiddetjenu b'titolu ta' kera minghand id-Dipartiment Proprjeta' tal-Gvern, kif fuq spjegat, filwaqt li fil-parti kulurita bil-lewn blu hija proprjeta' tar-rikorrenti Francis Agius (stante illi din hija kompriza fil-porzjon diviza t'art ta' kejl circa tomna minnu mixtrija skond kif imfisser f'paragrafu (2) ta' dan ir-Rikors Guramentat) .

9. Illi oltre dan, l-intimat jew min minnhom sahansitra anke jaghtu struzzjonijiet biex jghaddu minn gol-imsemmija trejqa lil terzi persuni illi jigu biex izuruhom jew jirrendulhom xi servizz/i fir-razzett li fih huma jirrisjedu.

10. Illi l-intimati m'ghandhom ebda jedd, dritt u/jew titolu biex jghaddu minn got-trejqa in kwistjoni u bl-agir illegali u abbuziv taghhom huma qeghdin jimmolestaw lir-rikorrenti fil-pussess liberu u reali godiment tal-proprjeta' taghhom u/jew li fuqha l-istess rikorrenti ghandhom titolu validu skond il-ligi.

11. Illi minkejja illi l-intimati gew debitament interpellati sabiex ma jkomplux jaghmlu uzu u jghaddu minn gol-imsemmija trejqa u milli jaghtu struzzjonijiet lil terzi biex jghaddu minn gol-imsemmija trejqa, l-istess intimati baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha tigi istitwita din il-kawza.

Jghidu ghalhekk l-intimati, jew min minnhom, ghaliex m′ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

(i) prevja kwalsijasi dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega skond il-ligi, tiddikjara illi r-rikorrent Francis Agius huwa proprjetarju tal-porzjon diviza ta′ art f′Tal-Blajjiet, Zonqor, Marsascala illi hija kulurita bil-lewn blu fuq il-pjanta hawn annessa bhala Dok.′A′;

(ii) prevja kwalsijasi dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega skond il-ligi, tiddikjara illi r-rikorrenti jiddetjenu b′titolu ta′ kera l-porzjon diviza ta′ art f′Tal-Blajjiet, Zonqor, Marsascala illi hija kulurita bil-lewn isfar fuq il-pjanta hawn annessa bhala Dok. ‘A′;

(iii) tiddikjara illi l-intimati m′ghandhom ebda jedd u/jew dritt u/jew titolu li jaghmlu uzu minn u jghaddu (kemm bil-mixi u kif ukoll bil-vettura) minn got-trejqa li tizbokka fi Triq il-Blajjiet, Zonqor,Marsascla delineata bil-lewn ahdar fuq il-pjanta annessa bhala Dok. ‘A′, kollha kemm hi jew minn kwalsijasi parti minnha, u li m′ghandhom lanqas ebda dritt li jawtorizzaw u/jew jaghtu struzzjonijiet lil terzi persuni biex jaghmlu uzu minn u jghaddu (kemm bil-mixi u kif ukoll bil-vettura) minn go l-imsemmija trejqa, kollha kemm hi jew minn kwalsijasi parti minnha; u

(iv) konsegwentement tordna u tikkundanna lill-intimati sabiex ma jaghmlux uzu minn u ma jghaddux (kemm bil-mixi u kif ukoll bil-vettura) minn go trejqa li tizbokka fi Triq il-Blajjiet, Zonqor, Marsascala delineata bil-lewn

ahdar fuq il-pjanta annessa bhala Dok. 'A', kollha kemm hi jew minn kwalsijasi parti minnha, u biex jiddezistu milli jawtorizzaw u/jew jaghtu struzzjonijiet lil terzi persuni biex jaghmlu uzu minn u jghaddu (kemm bil-mixi u kif ukoll bil-vettura) minn gol-imsemmija trejqa, kollha kemm hi jew minn kwalsijasi parti minnha.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati Anthony u Salvina konjugi Bonnici( ID 410261M u 286365M rispettivament), Joseph Agius (ID 90536M) u Ryan Bonnici (ID 547194M) u Norbert Bonnici (ID 400991M) li taqra kif isegwi:

1. 'Preliminarjament, l-intimati Norbert u Ryan ahwa Bonnici ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju billi ma ghandhom ebda propejeta' u ma ghandhom ebda relazzjoni guridika malr-rikorrent;

2. Il-preskrizzjoni trentennali a tenur tal-Art. 2143 tal-Kap.16;

3. Illi meta r-rikorrent akkwista l-art maghrufa bhala 'Iz-Zonqor', fl-Marsascala, parti minn din l-art diga kienet indikata bhala passagg kif jirrizulta mir-ritratti aeriji tal-MEPA-Dok AB1 u AB2 -u uzata bhala tali kemm mill istess rikorrenti kif ukoll mill-intimati Anthony u Salvina konjugi Bonnici kif ukoll minn Joseph Agius, missier ir-rikorrenti;

4. Illi l-binjiet tal-intimati Anthony u Salvina konjugi Bonnici kif ukoll minn Joseph Agius, huma interkjuzi u ghalhekk ghandhom dritt li jkollhom hrug ghat-triq pubblika; billi, kif fuq inghad kien hemm diga dan il-hrug permezz ta'trejqa/passagg ezistenti, l-esponenti kif ukoll ir-rikorrenti (li jirrisjedi f'binja appogg ma dak tal-esponenti) baqghu juzaw dan il-passagg bhala hruq tat-triq pubblika.

Dikjarazzjoni tal-intimati Anthony u Salvina konjugi Bonnici(ID 410261M u 286365M rispettivament), Joseph Agius (ID 90536M) u Ryan Bonnici (ID 547194M) u Norbert Bonnici (ID400991M).

1. Illi r-rikorrent huwa iben l-intimat Joseph Agius, hu l-intimata Salvina Bonnici (nee Agius) u z-ziju tal-intimati Ryan u Norbert Bonnici.

2. Illi mhux ikkontestat illi r-rikorrenti huwa sid l-art maghrufa bhala 'Iz-Zonqor' , f'Marsascala;

3. Illi l-art mberfla bl-ahmar fil-pjanta Dok. AB3, kienet tappartjeni lill-omm r-rikorrent Maria Anna Agius, li mietet fl-2012, li kienet wirtet l-istess art minghand il-genituri taghha; f'din l-art hija u l-intimat zewgha Joseph Agius kienu jirrisjedu fir-razzett f'din l-art.

4. Fis-snin tmenin, omm il-kontendenti ddonat bicca mir-razzett u art kontigwa lill-binha, r-rrikorrenti, u l-istess lill-bintha, l-intimata Salvina Bonnici. Kemm ir-rikorrenti u kemm l-intimata bnew ir-residenza taghhom-liema binjiet allura huma kontigwi ghar-rimanenti parti tar-razzett – li fih baqghu jirrisjedu l-intimat Joseph Agius u martu, sa ma mietet.

5. Illi minn zmien twil, l-art in kwistjoni kienet accessibbli mill-passagg/trejqa mmarkata bl-isfar u ahdar fil-pjanta Dok A(ezebita mir-rikorrent) u kif jidher fir-ritratt aereji ezibiti Dok AB1 u AB2, u hekk baqghet tintuza sallum; fil-fatt, biex inbnew il-binjiet kemm tar-rikorrenti u kemm tal-intimati, l-ingenji kollha mehtiega ghall-kostruzzjoni u transport uzaw din it-trejqa.

6. Illi ma hemm ebda hrug iehor adegwat mir-residenzi tal-intimati ghat-triq pubblika.

7. Illi qabel ma giet prezentata din il-kawza, r-rikorrent qatt ma intima lill-intimati dwar din it-trejqa. '

Rat illi fil-verbal tal-15 ta' Ottubru, 2015 din il-Qorti diversament preseduta, wara li rat it-tieni eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni akwisittiva trentennali, ordnat l-inverzjoni tal-provi fuq l-istess filwaqt li nnominat lill-Assistent Gudizzjarju sabiex tisma l-provi;

Rat illi fil-verbal tat-30 ta' Novembru, 2017 din il-Qorti diversament preseduta nnominat lill-Perit Godwin Abela sabiex izomm access fuq il-post sabiex l-intimat Joseph Agius jindika s-sit in kwistjoni u jindika fejn kienu jahdmu l-partijiet jew l-awturi taghhom, il-passaggi relattivi skont il-pjanti annessi mal-affidavit. Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku.

Rat ix-xhieda, affidavits, pjanti, dokumenti, ritratti, ritratti mill-ajru, kuntratti, dokumenti u provi kollha fl-atti.

Rat illi fil-mori tas-smiegh tal-kawza gie nieqes l-intimat Joseph Agius u li l-atti gew legittimati biss f'isem l-intimata Salvina

Bonnici stante li r-rikorrent huha Francis Agius rrinunzja ghall-wirt ta' missieru izda zamm ferm id-dritt ghal-legittima (ara fol. 417).

Rat illi fil-mori tad-differiment il-partijiet nfurmaw il-Qorti li l-provi fuq il-preskrizzjoni kienu ngabru u ghaddew sabiex jingabru l-provi dwar il-mertu kollu.

Rat illi fil-verbal datat 16 ta' Marzu , 2023 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni fuq it-talbiet u l-eccezzjonijiet kollha bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tal-kawza odjerna r-rikorrenti qed jitolbu li din il-Qorti tiddikjara li l-intimati m'ghandhomx jedd ta' uzu jew passagg fit-rigward ta' trejqa, jew kalsiasi parti minnha, hekk kif delineata bil-kulur ahdar fuq il-pjanta annessa mar-rikors guramentat a fol. 5 tal-

process:I




Illi r-rikorrenti qed jitolbu li l-Qorti tordna lill-intimati jiddezistu milli jkomplu jaghmlu uzu mill-istess trejqa u sabiex jiddezistu milli jkomplu jawtorizzaw terzi persuni sabiex jaghmlu uzu mill-istess.

Illi da parti taghhom l-intimati fl-ewwel lok jeccepixxu li l-intimati ulied Ryan u Norbert Bonnici ma ghandhom l-ebda proprjeta' w'ghalhekk mhumiex, il-legittimi kontraditturi, jeccepixxu wkoll il-preskrizzjoni akwisittiva trentenalli flimkien mal-pretensjoni li l-proprjeta' taghhom hija interkjuza ghajr ghat-trejqa in kwistjoni, jeccepixxu ulterjorment li meta r-rikorrent xtara dik il-parti tar-raba' bhala proprjeta' tieghu kien jaf ben tajjeb li qed jixtri l-istess bit-trejqa fuqu stante li t-trejqa in kwistjoni ilha ezistenti sa minn qabel is-sena 1967.

**Provi:**

Rat il-pjanti u kuntratti annessi mar-rikors guramentat li jevidenzjaw il-pretensjonijiet tar-rikorrenti u l-artijiet li r-rikorrenti jsostnu li huma taghhom jew bhala sidien jew bhala kerrejja rikonoxxuti a fol. 5 et seq tal-process;

Illi b'referenza ghall-pjanta a fol. 5 tal-process jirrizulta li l-kontestazzjoni bejn il-partijiet hija dwar it-trejqa indikata bl-isfar delinjata bl-ahdar (f'dik il-parti li r-rikorrenti jsostnu li huma rikonoxxuti bhala kerrejja mill-Gvern ta' Malta) u bil-blu (f'dik il-parti li r-rikorrenti jsostnu li huma sidien tal-istess). Ir-rikorrenti jsostnu li l-intimati m'ghandhomx id-dritt li jghaddu minn din it-trejqa la bir-rigel u wisq anqas bil-vetturi sabiex jaslu ghar-residenzi taghhom li jidhru aktar il-fuq fl-istess pjanta oltre l-art 'shaded', filwaqt li l-intimati li jigu missier u oht ir-rikorrenti, ir-ragel tal-oht u l-ulied isostnu li din it-trejqa hija l-unika access ghar-residenza taghhom.

Rat ir-ritratti mill-ajru esebiti mill-intimati flimkien mar-risposta taghhom datati 1967 (fol. 44) u 1988 (fol. 45) mill-liema ritratti jidher evidenti li t-treqja in kwistjoni kienet gia ffurmata fis-sena 1967 filwaqt li fis-sena 1988 din kienet ghadha tezisti.

Rat l**-affidavit ta' Joseph Agius a fol. 50 et seq** tal-process u rat ukoll id-diversi drabi ohra fl-atti fejn l-intimat Agius xehed fl-atti. Minn dan l-affidavit u xhieda johrog li l-art llum mqabbla lir-rikorrenti kienet issejjah lil Joseph Agius zgur sas-sena 1993 meta din l-art ghaddiet ghand l-ufficcju kongunt. Huwa jinsisti li sa minn dejjem filwaqt li hu kien jahdem din l-art it-trejqa in kwistjoni kienet tezisti, sa minn qabel is-sena 1968 u kienet isservi sabiex twassal ghar-residenza tieghu u cioe' ghar-razzett li jinsab

aktar il-fuq, precedentement proprjeta' ta' missier martu. Jixhed ukoll li f'diversi partijiet ta' din l-istess trejqa kien ukoll jaghmel oggetti partikolari bhal li taht harruba partikolari huwa kien jongor il-gebel bhala x-xoghol tieghu. Izid ukoll li l-ghalqa ta' fuq li llum hija proprjeta' tar-rikorrent dak iz-zmien ma kinitx tieghu izda l-proprjetarji taghha kienu jghaddu mit-trejqa f'dik il-parti li kien jahdem Joseph Agius sabiex jaslu ghal taghhom u vice versa u qatt ma kien hemm problemi bejniethom. Izid li huwa qatt ma kellu vettura izda kull servizz li kien ikun jehtieg li jasal sar-razzett fejn kien jirrisjedi bil-vetturi lkoll kien jghaddu minn din it-trejqa ghaliex ma kienx hemm mod iehor. Jinsisti diversi drabi fix-xhieda tieghu li s-sitwazzjoni qatt ma nbidlet lanqas meta huwa trasferixxa l-ghelieqi mikrija lilu lil ibnu r-rikorrent u li hu rriserva ghalih id-dritt tal-passagg. Izid li meta martu ghaddiet il-proprjeta' adjacenti ghar-razzett fejn kienu jirrisjedu huma lir-rikorrent u parti lil ohtu dawn uzaw it-trejqa sabiex iwasslu l-materjal biex jibnu ir-residenzi rispettivi taghhom. Jghid izda li kien hemm drabi li l-materjal iddahhal minn fuq ghalqa ohra li tmiss mat-triq li fiha kien hemm passagg ta' tlett piedi sabiex ma ssirx hsara l-fossa li sservi d-djar. Jikkonferma wkoll li jezisti passagg iehor li mir-residenzi jwassal ghat-triq principali liema passagg izda jinsisti li huwa dejjaq u ma jistghux jghaddu vetturi minnu. Jixhed ukoll li kien biss wara l-mewt ta' martu li r-rikorrent beda jaqla' l-inkwiet u ma jhallix lilu u lill-familja ta' bintu ma jghaddux mit-trejqa in kwistjoni.

Rat ukoll ix-xhieda ta' **hut l-intimat Emanuel Agius (fol. 53), Louis Agius (fol. 55) u Vince Agius (fol. 157)** u partijiet ohra fl-atti fejn regghu xehdu u kkonfermaw l-ezistenza tat-trejqa sa minn qabel is-sena 1968 u li huma kienu jaghmlu uzu minn din it-trejqa sabiex jisservew minn certu zoni fir-raba' fejn l-intimat huhom Joseph Agius kien ihallihom juzaw.

Rat ix-xhieda tal-intimat **Alfred Bonnici ir-ragel ta' Salvina Bonnici oht ir-rikorrent u bint l-intimat Agius a fol. 56** u partijiet ohra fejn xehed fil-process in kwistjoni fejn huwa jikkonferma li sa minn meta dahal gharus lill-intimata madwar is-sena 1983 huwa minn dejjem jaf bl-ezistenza tat-triq u li kien jaghmel uzu minnha kemm hu u kemm il-genituri tieghu sabiex jaslu sar-residenza tal-genituri taghha. Jghid ukoll li konsegwentement meta bnew ir-residenza taghhom baqghu jaghmlu uzu minn din it-trejqa partikolarment bil-vetturi stante li mill-passagg tal-konkos ta' tlett piedi ma jistghux jghaddu vetturi. Jinsisti li l-inkwiet mar-rikorrent Francis Agius beda mal-mewt tal-omm u li qabel qatt ma kien hemm kwistjonijiet dwar min kellu jedd jghaddi mit-trejqa in kwistjoni.

Rat l-**affidavit ta' Aloisia Azzopardi a fol. 87** tal-process li xehdet li tigi oht l-intimat Joseph Agius, li ghandha 74 sena u tixhed li sa minn meta kienet zghira tiftakarha tmur fl-eghlieqi in kwistjoni u fejn ir-razzett fejn jirrisjedi huha Joseph Agius u li sabiex jaghmlu hekk kienu jghaddu mit-trejqa in kwistjoni. Tghid ukoll li kienet tara diversi karrettuni bil-bdiewa tal-madwar li kienu jibqghu tilghin minn din it-trejqa sar-residenza ta' huha Joseph Agius.

Rat li dawn id-diversi xhieda fuq imsemmija lkoll insistew li dwar l-ghalqa llum proprjeta' tar-rikorrent, ghalkemm din kienet tinhadem, din ma kienet qatt tinhadem f'dik il-parti fejn hija ffurmata t-trejqa u jichdu li din kienet tkun mahduma fix-xitwa kif isostni r-rikorrent.

Mix-xhieda johrog ukoll li ambulanzi, trakkijiet tal-gass u servizzi ohra skonthom lkoll kienu jghaddu minn din it-trejqa.

Rat l-**affidavit tar-rikorrent Francis Agius a fol. 168 et seq tal-process** kif ukoll id-diversi drabi li xehed ulterjoment fl-atti odjerni. Huwa jinsisti li l-familjari tieghu li kienu jirrisjedu fir-residenzi adjacenti ghal tal-genituri tieghu kif ukoll il-genituri tieghu kienu dejjem jaccedu ghat-triq mill-passagg bil-konkos fil-genb tar-residenzi u mhux mit-trejqa in kwistjoni. Jghid li dan kien jghodd ukoll ghas-sidien tal-ghalqa ta' fuq qabel ir-residenzi qabel ma giet mixtrija minnu. Jinsisti li din dejjem kienet tinhadem minn certu Saliba nkluz dik il-parti fejn tghaddi t-trejqa u li hu beda jghaddi fis-snin 80 bil-vann ghaliex kienu tawh permess ta' Saliba li kienu jahmdu l-istess ghalqa sabiex jaghmel hekk, anki ghaliex isostni li kien jghinhom fl-ghalqa.

Fix-xhieda tieghu jzid li sabiex bniet ir-residenza taghha ohtu l-intimata din kienet nehhiet xatba li kienet isservi sabiex taghlaq il-passagg tal-konkos u dan biex jghaddu t-trakkijiet. Skonthu anki z-zijiet tieghu kienu jghaddu minn dan il-passagg u mhux mit-trejqa. Jixhed li fis-sena 1987 huwa kien bena r-residenza tieghu u fil-garaxx kien idahhal il-vann tieghu filwaqt li qabel kien jipparkjah quddiem ir-residenza ta' ommu. Izid li kien l-ewwel wiehed fil-familja li dahhal karozza. Jsostni li l-vann mill-passagg tal-konkos ma kienx jghaddi ghaliex huwa biss passagg bir-rigel ghalhekk skont hu kien talab il-permess lil ta' Saliba biex jibqa tiela' mit-trejqa bih minn fuq l-ghalqa taghhom. Jghid ukoll li recenti kien sab pjanta antika li ma turi ebda trejqa. Jixhed li ohtu bniet id-dar taghha hdejn il-genituri taghhom warajh u zzewget fis-sena 1990 u skont ir-rikorrent hija bniet il-garaxx wara. Jinsisti li t-trakkijiet tal-gebel u l-haddiema mqabbda minn ohtu ghaddew minn fuq ghalqa ohra ta' Saliba bil-permess tieghu sabiex isir il-bini u mhux mit-trejqa. Izid li missieru sabiex jahdem il-gebel u hut missieru sabiex jonsbu ma kienux jitilghu it-trejqa

kollha izda kienu jaslu biss sal-Harruba b'dana li ma kienux jidhlu fl-ghalqa li kienet ta' Saliba u issa saret tieghu. Skont hu il-harruba li jsejjah bhala l-kbira kienet timmarka l-konfini sa fejn kulhadd seta' jitla ghajr is-sid tal-ghalqa li llum hija tieghu:

'Ghal kull min kien jaghmel uzu mit-trejqa din kienet tispicca mal-harruba l-kbira u mhux tibqa ghaddejja minn gol-ghalqa li llum hija tieghi.' (fol. 172).

Jixhed li sabiex ohtu gabet 'bowser' madwar hames snin qabel biex tbattal il-fossa tar-residenza taghha hija talbet permess minghandu biex tkun tista' tghaddi. Dwar trakk li jwassal il-frott li kien jghaddi mit-trejqa skont kif jixhdu l-intimati jghid li dan kien jitla' biex jaghti l-prodotti lilu stess ghaliex kien ibiegh il-haxix w'ghalhekk kien jaghmel hekk bil-permess tieghu stess.

Dwar ir-ragel ta' ohtu Anthony Bonnici jghid li dan kien biss recentement li biex jisfidah beda jghid lin-nies biex jghaddu bil-vettura mit-trejqa. Jixhed a fol. 175:

'Jiena wara dan kollu naghlaq biex nghid li kollox juri li kull min qatt resaq l'hemm dejjem ghamlu permezz tal-passagg moghti bil-konkos li konna nuzaw ahna meta jien kont ghadni tifel. Min naha l-ohra t-trejqa li tghaddi minn gol-ghalqa li llum hija tieghi ma kien jaghddi hadd minnha jekk mhux bil-kunsens tieghi jew inkella bil-kunsens tas-sidien precedenti, igifieri tal-familja Saliba. L-aktar li kienu jaslu kien ikun sal-harruba l-kbira li kienet tinsab qabel ma tibda l-ghalqa tieghi u ghalhekk mit-trejqa li taghddi minn gol ghalqa tieghi m'ghandu dritt jghaddi hadd.'

In kontro-ezami jikkonferma li l-passagg bil-konkos kien gia ezistenti meta hu kien ghadu zghir. Jikjarifika wkoll li l-ghalqa li

kienu jahdmu Saliba kienet ta' certu Maria Farrugia. Il-permess biex jghaddi kien hadu minghand Saliba. Jinsisti li l-ghalqa ta' Saliba hu kien jahratha kollha u ma kien ihalli l-ebda passagg u fix-xitwa kien ikun hemm il-prodott fiha. Jghid li missieru meta r-rikorrent kellu tmintax-il sena gia kien qaleb ir-raba' kollu fuqu u l-ghalqa l-ohra xtraha fis-sena 1987 malli zzewweg. In kontro-ezami ultejuri jibqa' jinsisti li hu qatt ma ra lil hadd mill-familjari tieghu jghaddu mit-trejqa. Jispecifika li huwa beda jahrat il-bicca tat-trejqa minn meta xtara hu l-ghalqa fis-sena 1987. A fol. 219 jammetti li fir-rigward tar-raba' mikrija minghand il-Joint Office missieru kien ghamel moghdija biex minn go fiha idahhal il-gebel biex jahdem, jongor u jonsob hu u hutu w'ghalhekk dik inqasmet b'moghdija.

Rat il-kuntratt li permezz tieghu omm ir-rikorrent trasferiet l-art tar-residenza tar-rikorrenti lir-rikorrent a fol. 176 et seq tal-process, il-licenzja f'isem ir-rikorrent sabiex jahdem bhala ' hawker' a fol. 180 li ggib id-data tas-sena 1989, il-biljett tar-registrazzjoni tal-biedja *part time* f'isem ir-rikorrent u d-dikjarazzjonijiet iffirmati mill-genituri tar-rikorrent fosthom l-intimati Agius li permezz tieghu awtorizzaw it-trasferiment tar-raba' mikrija lilhom liema dikjarazzjonijiet ghajr ghal wahda biss ma jgibu l-ebda data filwaqt li wahda minnhom a fol. 182 ghandha d-data tat-12 ta' Jannar, 2001. Rat li kopja simili regghet giet esebita a fol. 348 et seq tal-process din id-darba izda dawn id-dokumenti jidhru ffirmati quddiem in-Nutar Dr. Joseph Lia u jgibu dati diversi tnejn minnhom dik tat-23 ta' Jannar, 2001 u tnejn ohra d-data tat-12 ta' Jannar 2001. Fil-fatt il-Qorti rat li tul il-process odjern l-intimati qajmu diversi dubji dwar l-awtenticita' ta'din id-dokumentazzjoni.

Rat ir-ritratti, dokumtazzjoni u pjanti esebiti mir-rikorrent a fol. 376 et seq tal-process u hadet konjizzjoni tal-kontenut taghhom.

Rat l-**affidavit tar-rikorrenti Yvonne Agius a fol. 185 et seq** tal-process li kkonfermat ix-xhieda tar-rikorrent izda miz-zmien li hija saret tafu li tindika li kien lejn il-bidu tas-sena 1982. In oltre hija taghlaq l-affidavit taghha kif isegwi:

'Nispjega li mit-trejqa mertu tal-kawza hadd qatt ma kien jghaddi u li kien biss wara li mietet omm ir-ragel u wara li r-ragel tara l-ghalqa li semmejt aktar il-fuq li Anthony u Silvia Bonnici bdew jippretendu li jghaddu mit-trejqa. Kien minn dak iz-zmien li bdew iqumu hafna kwistjonijiet ghax bdew jippretendu li f'salt ikunu jistghu jghaddu mit-trejqa u jghaddu minn fuq l-ghalqa li kienet saret tar-ragel.'

Rat l**-affidavit ta' ulied ir-rikorrenti Annalise Agius (fol. 188) u Jason Agius a fol. 190** li t-tnejn jixhdu li sa minn meta kienu zghar huma jiftakru lin-nanniet taghhom u liz-zija l-intimata tuza l-passagg tal-konkos u mhux it-trejqa biex jaslu ghat-triq il-Blajjiet. Skonthom hadd ma kien jghaddi minn fuq it-trejqa l-imharbta li tghaddi minn gewwa l-ghelieqi ta' missierhom ir-rikorrent. Jghidu li anki huma sabiex jistennew il-*private* tal-iskola kienu jistennew fit-tarf tal-passagg bil-konkos. Jason Agius jispicca l-affidavit tieghu kif isegwi:

'Nispjega li tul is-snin jien qatt ma rajt nies ohra jidhlu hdejn id-dar taghna jew l-irziezet tan-nannu u taz-zija minn got-trejqa l-imharbta ta' missieri, u li kulhadd dejjem ghadda minn fuq il-passagg tal-konkos. Dan tant hu minnu li meta jien u n-nannu konna rrangajna u ghollejna l-hajt li hemm f'tarf il-passagg tal-konkos li jaghti fug Triq il-Blajjiet, kulhadd kien ghamel l-isem jew

in-numru tad-dar tieghu ma' dan il-hajt u mhux mal-hajt li hemm fejn tibda t-trejqa ta' missieri. Kulhadd kien ghamel hekk ghax kien ovvju li kull min kien jidhol ghadna kien isibna minn go dan il-passagg.'

Rat l-**affidavit ta' Franky Pulis a fol. 202 A** li jghid li ghandu ghalqa' vicin dik ta' kuginuh ir-rikorrent. Isostni li l-familjari tieghu li jghixu hemm dejjem jafhom jghaddu mill-passagg tal-konkos u mhux mit-trejqa l-imharbta in kontestazzjoni li skont hu dejjem intuzat biss mill-istess rikorrent. Jixhed li r-rikorrent kien jahdem l-ghalqa minn tarf sa tarf ghalhekk ma kienx ikun hemm passagg.

Rat l-**affidavit ta' Nazzareno Fenech a fol. 228 t**al-process li jghid li huwa ilu jbiegh il-hobz ghal madwar hamsa u ghoxrin sena bil-vann u li sabiex iforni l-hobz lill-genituri tal-partijiet ahwa Agius huwa kien ihalli l-hobz go kamra zghira fit-tarf tal-passagg tal-konkons fi triq il-Blajjiet.

Rat l-**affidavit ta' Tarcisio Delia a fol. 229** li jghid li sabiex ibigh il-hut lill-familja ta' omm il-partijiet Agius huwa kien jghaddi mill-passagg tal-konkos li jaghti ghal Triq il-Blajjiet.

Rat ix-**xhieda ta' Joseph Guliano in rapprezentanza tal-Enemalta a fol. 336 u fol. 358** tal-process li mill-istess johrog li mit-trejqa in kwistoni m'hemmx servizz ta' dawl ghaddej u jirrizulta li hemm biss bozza mal-irziezet.

Rat ukoll ix-**xhieda ta' Sigmund Galea in rapprezentanza tal-Water Services l**i jiprezenta ritratti a fol. 342 li jevidenzja li s-servizzi mhux ghaddejjin mit-trejqa in kontestazzjoni imma minn Triq il-Blajjiet.

Rat ix-**xhieda tal-Perit Aaron Abela (fol. 345)** li agixxa bhala Perit tar-rikorrenti li izda ma setax jixhed dwar kemm-il residenza hemm fil-vicinanzi tar-residenza tar-rikorrenti.

Rat ix-**xhieda ta' Mario Calleja, sindku ta' Marsascala (fol. 368)** li sostna li l-Kunsill qatt ma qies it-trejqa in kwistjoni bhala tieghu. Izid li kienet saret mera fi Triq il-Blajjet biex jinqdew ir-residenti izda meta nkisret din ma gietx rimpjazzata. Jghid ukoll li l-iskart tar-residenzi in kwistjoni jingabar minn Triq il-Blajjiet.

**Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Godwin Abela a fol. 404 et seq** tal-process fejn permezz tieghi pprezenta l-verbal tal-access li huwa ghamel fuq il-post nhar it-22 ta' Marzu, 2018 filwaqt li fuq il-pjanta a fol. 407 identifika d-diversi ambjenti li jigu msemmija fl-affidavit ta' Joseph Agius u wkoll li jissemmew minn bosta xhieda tul il-proceduri. Il-pjanta in kwistjoni qed tigi riportata kif isegwi:



Il-Perit jindika wkoll li l-kuluri fuq il-pjanta juru kif isegwi:

'• Bil-kulur orancjo - ghelieqi kif murija fuq il-pjanta annessa mal-affidavit tal-intimat:

• Bil-kulur ahdar - it-trejqa li twassal minn Trig il-Blajjet ghal fondi propjeta tal-partijiet:

• Bil-kulur vjola - il-passagg bir-rigel li jwassal mill-fondi ghal Triq il-Blajjet:

• Bil-kulur griz - il-garaxxijiet;

• Bil-kulur blu car - il-fond tar-rikorrenti Francis Agius:

• Bil-kulur roza - il-fond tal-intimata Sylvia Bonnici:

• Bil-kulur ahmar - il-fond u razzett tal-intimat Joseph Agius.'

Rat in-nota tar-rikorrent a fol. 418 et seq tal-process li permezz taghha pprezenta zewg kuntratti fl-atti tan-Nutar Francesca Schwalber datati 28 ta' Lulju 2016 u 13 ta' April, 2018 li jsostni li permezz taghhom l-intimati l-ewwel akkwistaw u sussegwentement aljenaw immobbli formanti parti mit-territorju mertu tal-proceduri fejn fihom ma ssemma mkien l-allegat dritt ta' passagg mit-trejqa in kontestazzjoni. Il-Qorti rat dawn l-atti u fehmet li l-art in kwistjoni hija dik li tigi adjacenti ghall-passagg tal-konkos li jaghti ghat-triq principali u tigi wara l-irziezet residenzi tal-partijiet (ara fol. 427). Din l-art ghandha access dirett ghal fuq it-triq principali.

Rat id-diversi partijiet fl-atti fejn xehed **Carl Borg in rapprezentanza tal-Awtorita' tal-Artijiet** u rat li finalment huwa esebixxa kopja shiha tal-processi relattivi ghall-art li originarjament kienet mikrija lil Joseph Agius mill-knisja mbaghad ghaddiet lill-Ufficcju Kongunt hekk kif jidher minn fol. 602 et seq

tal-process. Il-Qorti nnutat li r-registrazzjonijiet tal-artijiet in kwistjoni dejjem urew it-trejqa in kwistjoni tant illi l-artijiet gew registrati favur ir-rikorrent f'partijiet diversi li huma distinti minn xulxin fejn sahansitra hemm taqsamhom it-trejqa in kontestazzjoni. Da juri lil din il-Qorti li, almenu fuq dik il-parti tar-raba' mikrija lir-rikorrent Agius u li formalment kienet ta' missieru l-intimat Joseph Agius, huwa l-istess rikorrent li jirrikonoxxi l-ezistenza tat-trejqa. Il-Qorti fehmet ukoll mill-atti li l-kontestazzjoni principali bejn il-partijiet hija dik il-parti tat-trejqa li tigi fuq l-art proprjeta' privata tar-rikorrent u li tghaqqad ir-raba' mikrija ma' dik il-parti fejn hemm ir-residenzi tal-partijiet u cioe' dik il-parti ndikata bl-ahmar fuq il-pjanta annessa mar-rikors guramentat tar-rikorrent a fol. 5 tal-process.

Rat li dan ix-xhud a fol. 553 et seq esebixxa l-kuntratti ta' kiri li permezz taghhom l-ghelieqi li kienu jsejjhu lil Joseph Agius bhala qbiela gew mikrija lir-rikorrent Francis Agius wara d-dikjarazzjoni ta' qbil sabiex isir hekk mill-istess Joseph Agius u martu. Il-Qorti tirrileva minn dawn l-iskritturi kif isegwi:

1. Li jidher li dawn l-iskritturi huma effettivi mis-16 ta' Awwisu, 2000 ghalkemm gew iffirmati f'dati diversi mill-11 ta' Dicembru, 2002 sa Novembru 2014;

2. Illi l-pjanti annessi mal-istess kuntratti minnhom infushom jirrikonoxxu l-ezistenza tat-trejqa in kwistjoni anki fuq l-art proprjeta' biss tar-rikorrent u li r-rikorrenti iffirmaw ghall-istess.

3. Illi dawn il-kirjiet jinkludu l-kundizzjonijiet segwenti (fol 564A, fol. 573):

‘3. Bla pregudizzju ghal kwalunkwe drittijiet ta’ terzi, din il-kirja thassar u tissotitwixxi kull ftehim iehor li seta’ kien hemm qabel.’

‘5. Il-proprjeta’ qieghda tigi mikrija ‘tale quale’ u bhala suggetta ghal kwalunkwe drittijiet, kemm ta’ servitu’ jew mod iehor, li sal-lum tgawdew mill-Gvern jew terzi persuni, inkluzi kerrejja ta’ xi prorpjeta’ohra jew kerrejja ta’ din l-istess prorpjeta’, anki jekk dawn id-drittijiet mhumiex immarkati fuq il-pjanta mehmuza ma’ dan il-kuntratt.’

Rat ukoll li dan ix-xhud Carl Borg a fol. 592 et seq tal-process rega’ esebixxa kopji ta’ numru ta’ dikjarazzjonijiet bil-gurament li jinkludu dikjarazzjonijiet mill-genituri tar-rikorrent l-intimat Joseph Agius u martu Maria Anna Agius li jghidlu li lesti li jcedu d-dritt tal-kirja taghhom fuq ir-raba’ mikrija lilhom lill-istess binhom ir-rikorrent. Dawn l-iskritturi huma ffirmati fis-sena 2011 ghalhekk data diversi minn dik tal-kopji esebiti precedentement. Il-Qorti nnotat li fil-pjanta annessa maghhom ukoll iffirmata mill-genituri jidher li t-trejqa in kwistjoni giet eskluza (ara fol. 596) tal-process. Dan jindika lil din il-Qorti li huwa minnu dak li jixhed Joseph Agius fl-atti li kienet l-intenzjoni tieghu li huwa jzomm id-dritt ta’ access tieghu minn fuq l-istess treqja. Fil-fatt flimkien ma’ din il-pjanta li qed tigi riprodotta gie ukoll esebit affidavit (fol. 397) li jaqra kif isegwi:

File not found

6/8/13

**AFFIDAVIT**

Jiena hawn taht iffirmat Giuseppe Agius, pensjonant, bin il-mejtin Nazzareno u Rita nee' Micallef, imwieled Zabbar u residenti Marsascala (Karta ta' l-identita' bin-numru 90536(M) b solennament u bil-gurament niddikjara:-

Illi jiena ghandi l-qbiela tal-ghalqa maghrufa bhala 'tal-Gradiet', kuntrada ta' Zonqor, Triq il-Blajiet Marsascala. Illi permezz ta' gurament tas-sena 2001 jien tghajt l-imsemmija ghalqa bi qbiela lil ibni Francis Agius sabiex jibda jahdima hu. Illi jiena xorta bqajt nahdem parti milll-ghalqa ta' Gradiet. Ghaldaqstant jiena ser inzomm l-ghalqa cioe indikata fl-isfar fil-pjanta hawn annessa ma dan il-gurament u immarkata dokument 'X' kif hija registrata b' file J/35/2002/I/21. Illi rigward il-parti l-ohra tal-ghalqa registrata b'file J/35/2002/I/23 jien ma jien nsib l-ebda ogezzjoni li din taqa fuq ibni Francis Agius salv ghal parti indikata bl-isfar li jien irrid nibqa nahdimha jiena.

Giuseppe Agius
(ID 90536(M))

mahluf quddiemi ... 

Dr.Antonella Navarro B.A.,LL.D.,Dip.Trib.Eccl.Melit
Notary Public & Commissioner for Oaths
107, Triq il-Knisja, Poala - Malta
136, Triq il-Bronja, Zurrieq - Malta
Tel: 21684103/ Mob:79052997

RECEIVED
- 7 AUG 2013




Rat ukoll mill-kopji tal-process tal-Awtorita' tal-Artijiet li ghalkemm Joseph Agius kien baqa' jhallas il-qbiela sas-sena 2015 huwa kien ghamel talba sabiex jigi rimborsat mill-Ufficcju Kongunt u fil-fatt hekk sar (ara fol. 658 et seq).

Rat ix-**xhieda ta' Karen Cremona (fol. 471),** rapprezentant tad-Direttorat tat-Trasport li ndikat li din it-trejqa mihiex indikata fuq is-sistema taghhom bhala wahda arterjali jew distributorja.

Rat ix-**xhieda ta' Ian Galea rapprezentant tal-Awtorita' tal-Ippjanar** li izda dwar il-kwistjonijiet ta' passagg u trejqa jghid li hu ma jistax jaghti nformazzjoni ghaliex ma jkunx jaf. Il-Qorti rat izda li l-applikazzjonijiet kif sottomessi mir-rikorrent Agius kif jidhru delinjati a fol. 492 u fol. 498 lkoll jirrikonoxxu l-ezistenza tat-trejqa tant li l-applikazzjonijiet huma delinjati u maqsuma sabiex jindikaw u skont l-istess trejqa.

Rat illi r-rikorrent **Francis Agius a fol. 581 tal-process** jixhed u jirrikonoxxi li huwa jahdem l-ghalqa fejn hemm il-passagg tal-konkos izda jghid li ma jistax jikkonferma l-kwoti ta' proprjeta' tieghu u ta'ohtu fuq l-istess.

Rat li r-rikorrent a fol. 584 et seq tal-process esebixxa sitt ritratti li skont hu juru passagg iffurmat fuq ghalqa li tigi wara l-proprjeta' u residenzi tal-intimati li minnha qed jidhlu l-vetturi tal-intimati u jaslu sar-residenza tal-istess u anki jidhlu u johorgu bil-mixi. Jghid li din il-proprjeta' kienet ta' ohtu u bieghetha lil certu Sanizlaw Agius.

Rat l**-affidavit tal-intimata Salvina Bonnici ohta ir-rikorrent a fol. 506 et seq tal-process**. Hija tghid li originarjament ir-razzett fejn iz-zewgt ahwa partijiet kienu jirrisjedu mal-genituri taghhom kien tan-nannu Frangisku Pulis fimkien mar-raba' tal-madwar li kien jahdimha hu. Konsegwentement dawn bdew jinhadmu minnu ommha Ganna Pulis u wara dahal jahdem parti sostanzjali mir-raba' missierha l-intimat Joseph Agius. Tghid li sa minn meta kienet tifla zghira (hija twieldet fis-sena 1965) dejjem tiftakar li sabiex jaccedu ghar-razzett kienu jghaddu mit-trejqa in kwistjoni. Tipprezenta flimkien mal-affidavit numru ta' ritratti li jmorru lura bosta snin a fol. 509 et seq tal-process li juru partijiet mit-trejqa in kwistjoni b'vetturi fiha kif ukoll diversi vetturi pparkjati ta'

familjari li attendew festin fid-dar taghha meta uliedha kien ghadhom zghar u tghid li dawn lkoll ghaddew mit-trejqa in kwistjoni. Izzid li biex wiehed jasal ghad-dar taghha u ghall-garaxx taghha l-unika access hija t-trejqa in kwistjoni. Il-passagg tal-konkos huwa wiehed dejjaq – zewg piedi w'nofs u f'partijiet tlieta - ghalhekk ma jistghux jghaddu vetturi minnu (ara ritratt a fol. 516). Tghid li anki sabiex jidhol il-bowser biex ibattal il-fossa tad-dar taghha huha Frans jaqla' il-problemi sabiex dan jghaddi mit-trejqa. Izzid li mir-ritratti mill-ajru anki dak li jmur lura ghas-sena 1967 juri li t-trejqa kienet ezistenti u kienet l-access ghar-razzett tan-nannu taghha u r-raba' u r-razzett li eventwalment sar ir-residenza tal-genituri taghha u r-residenzi taghha u ta' huha Frans.

Il-Qorti rat ir-ritratt mill-ajru esebit minn din ix-xhud a fol. 518 tal-process li fih jidher bic-car li t-trejqa in kwistjoni kienet tezisti u kienet wahda shiha li tghaqqad it-triq principali mal-irziezet. Ix-xhud tipprezenta wkoll evidenza li r-ritratti mill-ajru esebiti fil-process u mehuda mill-awtoritajiet ittiehdu fi staguni u xhur diversi tul is-snin (fol. 519) w'ghalhekk mhux minnu dak li jghid ir-rikorrent li dik il-parti tat-trejqa, llum fl-ghalqa proprjeta' tieghu xi parti tas-sena tkun mahduma kif isostni r-rikorrent ghaliex ir-ritratti juru mod iehor.

L-intimata a fol. 520 tal-process tezebixxi ritratt mill-ajru u fuqu bil-kulur isfar tindika dak li llum huwa proprjeta' taghha u cioe' ghalqa fis-sehem ta' ¾ tal-intimata u ¼ tar-rikorrent. F'parti minn din l-ghalqa fil-fatt hemm il-passagg tal-konkos li jwassal ghat-triq principali. Dwar dan hija taghlaq l-affidavit taghha kif isegwi:

'10. Fl-ahhar nett, niddikjara illi f'kaz illi jsir kuntratt li bih jintlahaq ftehiem sabiex il-passagg tar-rigel jitwessa

sostanzjalment fuq in-nahha tar-raba indikat bl-isfar fil-pjanta Dok SB7 sabiex jippermetti vetturi jghaddu minn fuq il-passagg imwessa, jiena ma jkollix ghalfejn nibqa nuza t-trejqa li hemm il-kwistjoni dwarha. Biex jitwessa il-passagg, irid jittiehed parti mill-porzjoni raba tieghi kwantu ghall-tlett kwarti u ta' Frans Agius kwantu ghall-kwart li jiena ndikajt bl-isfar fil-pjanta Dok. SB 7 li tmiss mal-passagg tar-rigel; din il-porzjoni raba tinsab fil-pussess ta' Frans Agius. Sallum Frans Agius mhux talli ma tax il-kunsens biex jitwessa il-passagg, izda jghamel opposizzjoni kontinwa ghal din il-possibbilta' u fl-istess hin jghamel opposizzjoni - kif qed jghamel bil-kawza odjerna - biex jiena u l-membri tal-familja ma nghamlux uzu mit-trejqa in kwistjoni.' (fol. 508)

In kontro-ezami a fol. 863 et seq hija tinsisti li r-rikorrent qed iwaqqaf lil kull servizz milli jghaddi mit-trejqa in kwistjoni u tikkonferma li qed jaghmlu uzu mill-ghalqa ta' Stanislaw Agius bil-kunsens tieghu biex ma jaqalawx inkwiet mar-rikorrent. Tinsisti izda li:

'Dr T Bartolo: Naqblu li l-bowsers li ssemmi li tul is-snin kellkom it-trouble ghax ma setghu jghaddu ecc, naqblu li dan il-bowser tal-fossa, naqblu li dan darba fis-sena?

Xhud: Ehe. Darba fis-sena imma kienu jitilghu hafna trakkijiet. Kull servizz li kellna, kemm ilna nghixu hemmhekk kollox tela minn hemmhekk. Jekk jgibna lil tal-Medistone, jekk gibna tal-irham kollox minn hemm tela'. Jekk xtrajt fridge, taf kemm isservi fridge u washing machine, kollox minn hemm tela' jekk sewwejna l-washing machine dejjem mit-trejqa telghu. Qatt ma kien hemm problemi. Dan l-ahhar inqalghu l-problemi. Kollox minn hemm kien jitla' bit-tabib b'kollox.' (fol. 867)

A fol. 869 tkompli tghid:

‘Xhud: Mela hemmhekk kien hemm il-haxix fit-triq ghax joqghod jistennih gej mix-xoghol biex iwaddab il-haxix u tiskidja l-karozza u ma jitlax. Gieli nsibu gebel, daqqa nsibu zkuk jehlu mal-qiegh tal-karozza. Darba minnhom anke wehilna bil-karozza, kien filghaxija bil-lejl. Jarana hergin u jara kif se jivvinta. Dejjem jara b'xiex se jaqla' l-inkwiet. Tefa' gebla fin-nofs tal-moghdija, bil-lejl ma tarahiex. U din wahda minnhom. Din wahda minnhom. X'aktarx il-haxix kien hemm ghax dik il-habta kien jaqla' l-haxix minn gol-ghalqa tieghu u jwaddab kwantità ta' haxix biex il-karozza tiskidja. Dik il-1. b'referenza ghal Dok FAX2, dik il-karozza tat-tifel. It-tfal kienu jitilghu fejn id-dar pero.’

Izzid li meta uliedha kienu jitilghu bil-karozzi hdejn id-dar kienu jsibu t-*tyres* imnizzlin u anke *tyre* mcarrat. Drabi ohra kien jghalqilhom il-karozzi u ma jkunux jistghu johorgu.  Kien ghalhekk li hija talbithom sabiex ma jibqghux jitilghu mit-trejqa ghax ma kinitx tiflah ghal aktar inkwiet u bil-permess ta’ Stanislaw bhalissa qed juzaw il-passgg proprjeta’ tieghu anki ghaliex l-ghalqa fejn hemm il-passagg tal-konkrit tispjega li r-rikorrent qed ihalliha mahmuga u qed ikun  hemm il-brieghed b’dana li ma jistghux  jghaddu aktar minnu.

Rat l-**affidavit ulterjuri ta’ Anthony Bonnici a fol. 521** tal-process li jzid ma’ dak li tixhed martu li  huwa zzewweg lill-intimata Salvina Agius f’Gunju 1990 izda kien ilu  jifrekwenta l-ambjenti in kwistjoni mis-sena 1984 stante li kienu tal-genituri taghha  u kien hemm ukoll ir-residenza taghha.  Jesebixxi wkoll ritratti li juri l-vettura tieghu  ipparkjata fejn id-dar tal-genituri ta’ martu  cioe’ dik tal-intimat Joseph Agius fis-snin 1984/1985 sabiex jevidenzja li biex il-karozza waslet s’hemm bilfors ghaddiet mit-trejqa in

kwistjoni (ara fol. 524). Il-Qorti rat li f'dan ir-ritratt tidher parti sostanzjali mit-trejqa ffurmata. Huwa jzid li sakemm dam gharus kien dejjem diehel u hiereg mit-trejqa. Izid li mis-sena 1989 kien ukoll imur jissorvelja x-xoghol tal-bini ta' dik li llum hija r-residenza tieghu. Jixhed kif isegwi:

'5. Dak iz-zmien ir-raba tal-Knisja (u sussegwentement tal-Joint Office) kien imqabbel lill-Guzeppi Agius - missier l-attur u marti, u sal-mewt tieghu intimat f'din il-kawza; nezibixxi numru ta' ircevuti li flimkien qed jigu mmarkati Dok. AB2. Niftakar lil Guzeppi jahdem fl-ghelieqi, gieli rajtu niezel bil-gabjun jonsob fil-mansab li hemm fl-ghelieqi u niftakru ukoll jahdem l-lavur taht il-harruba. Niftakar ukoll l-ghalqa li llum hi ta Frans, kienet taz-zija tal-mara, li din l-ghalqa niftakarhom jahdmuha ta' Saliba; dawn kienu jitilghu bit-trakk mit-trejqa in kwistjoni. Biex idawwru t-trakk, kienu jitilghu sa fuq cioe sal-fetha quddiem id-djar. Fit-37 sena li ili midhla tal-ambjent in kwistjoni, dejjem kien hemm din it-trejqa - kif jidher car mir-ritratti tal-ajru tal-MEPA li jinsabu diga ezibiti - u din it-trejqa qatt ma kienet mizrugha.

6. Billi Giuseppi Agius ma kienx isuq, jiena kont inwassal lilu u lill- martu Marianna kull fejn kien jenhtigilhom imorru, daqqa ghand it-tabib, daqqa biex jixtru xi haga. Meta kien hemm bzonn li jigi t-Tabib tal-familja, Dr. Michael Borg, jara lill-kunjata Marianna u wara mewtha, lill-Giuseppi, huwa kien jitla bil-karozza tieghu mit-trejqa in kwisjoni; kienet l-uniku mezz biex jasal ghar-residenza taghhom.'

Rat illi l-ircevuti esebiti juru li l-intimat Giuseppe sive Joseph Agius kien ghadu rikonoxxut, almenu fuq wahda mill-eghlieqi in kwistjoni sas-sena 1998 (ara fol. 539). Ix-xhud jichad li l-festini bdew isiru minnhom wara li mietet il-kunjata (li giet nieqsa fis-

sena 2014) kif isostni r-rikorrent u jikkonferma li dawn kienu jsiru sa minn meta marru joqoghdu fir-residenza taghhom maz-zwieg fis-sena 1990. Jaghlaq kif isegwi:

'9. Nikkonferma dak li qalet marti fl-affidavit taghha illi ma hemm ebda dhul alternattiv biex nasal b'vettura fid-dar residenzjali tieghi; ebda vettura ta' emergenza - bhal ambulanza, fire-engine, bowser biex ibattal il-fossa tad-drenagg, lifter biex jikkonsenja ghamara, tiswija tas-sistema elettrika esterna jew imqar biex tibidel bozza tad-dawl pubbliku ecc - ma tistax tasal sad-dar tieghi jekk mhux mit-trejqa in kwistjoni. L-attur qed jghamel minn kollox biex jghamilha difficli ghalija, ghal-marti u uliedna biex naslu ghad-dar taghna; jiena qed nipprova ma nghamilx konfronti mal-attur izda dak li qed jitlob f' din il-kawza, cioe li jipprojbilna nuzaw it-trejqa, biex nidhlu f'darna jew li tabib ambulanza, fire-engine jew vettura ohra ta' bonn, ma hallilna ebda triq ohra hlief li nikkontestaw din it-talba bil-qawwa kollha.'

In kontro-ezami a fol. 871 et seq tal-process jaqbel li l-ghalqa proprjeta' tar-rikorrent tkun mizrugha bil-patata izda jichad li l-parti tat-trejqa qatt kienet tkun mizrugha:

'Kif ghidtlek f'37 sena qatt ma nhadmet' (fol. 873 ergo).

Dwar l-affarijiet li tella tul iz-zmien bit-trakkijiet mit-trejqa jinsisti li hu qatt ma talab permess minghand Frans sabiex jaghmel hekk. Izid li ma jafx ghalfejn l-attitudni tar-rikorrent inbidlet u ovvjament ir-relazzjoni tkissret malli fethilhom il-kawza. Dwar l-ghalqa ta' Stanislaw Agius ma jichadx li qed idahhlu l-karozzi u jhalluhom pparkjati hemm izda biss ghaliex qed ihallihom Stanislaw minhabba l-kwistjoni li ghandhom mar-rikorrent. Jerga' jixhed li jekk ir-rikorrent jaqbel li jitwessa l-passagg tal-

konkos huma jibdew jidhlu minn hemmhekk ghax ma jridx inkwiet mar-rikorrent.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Eccezzjoni legittimu kontradittur:-**

Illi l-intimati fl-ewwel eccezzjoni taghhom jsostnu li l-ulied intimati Norbert u Ryan ahwa Bonnici ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju billi ma ghandhom ebda proprjeta' u ma ghandhom ebda relazzjoni guridika mar-rikorrent.

Illi l-Qorti rat li huwa minnu li fl-atti rrizulta li dawn iz-zewg intimati ma ghandhom ebda proprjeta' izda huma l-genituri taghhom li ghandhom il-prorpjeta'. Il-Qorti rat izda li hija l-istess intimata li fl-affidavit taghha tammetti illi:

'biex jiena u l-membri tal-familja ma nghamlux uzu mit-trejqa in kwistjoni.' (fol. 508)

F'partijiet ohra tammetti li l-ulied jghaddu mit-trejqa. Dan ifisser li wlied l-intimati wkoll prezentement jaghmlu uzu mit-trejqa in kontestazzjoni ghalhekk huma legittimi kontraditturi fil-kaz odjern almenu ghal dik li hija t-talba tar-rikorrenti, f'kaz li din tigi milqugha, sabiex ma jibqghux jaghmlu uzu mill-istess. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad din l-ewwel eccezzjoni.

**Preskrizzjoni u interkjuzura:-**

**(i) Terminu ta' tletin sena:**

Illi dwar it-trapass tal-perjodu ta' tletin sena din il-Qorti rat li mill-atti li huma pjuttost voluminuzi w'ghalhekk huwa mpossibbli li kollha jigu riportati fid-dettal f'din is-sentenza, in succint, jirrizultaw il-fatti segwenti:

a) Illi mir-ritratti mill-ajru kollha esebiti fl-atti jirrizulta li din it-trejqa (nkluz dik il-parti mill-art llum proprjeta' tar-rikorrenti) ilha tezisti u ffurmata sa minn qabel is-sena 1967. Dan huwa wkoll konfermat minn diversi pjanti esebiti fl-atti li jmorru lura ghal diversi snin. Il-Qorti ghalhekk ma temminx il-versjoni tar-rikorrent u x-xhieda mressqa minnu li din ma kinitx tezisti jew li kienet tidhalla biss f'certu perjodi tas-sena ghaliex l-evidenza dokumentarji tgiddeb l-istess;

b) Illi l-intimat Joseph Agius u martu kien ilhom sa minn dak iz-zmien u anki qabel jaghmlu uzu mill-istess trejqa, nkluz il-parti mir-raba' privata llum proprjeta' tar-rikorrent, sabiex jaccedu ghar-razzett residenza u proprjeta' taghhom u li precedentement kien proprjeta' ta' missierha. Jirrizulta li r-raba' kollha li tmiss mat-trejqa, ghajr ghal dik il-parti privata, kienet mikrija lil Joseph Agius ghalhekk kellu kull jedd li jghaddi minn fuq l-istess. Dwar dik il-parti li tghaddi minn fuq il-proprjeta' privata, precedentement mahduma minn Saliba llum proprjeta' tar-rikorrent, hareg car mill-provi li din ukoll kienet tidhalla bhala trejqa sabiex taghti access rispettiv lill-bdiewa tal-inhawi u r-residenti tal-inhawi nkluz l-intimati Joseph Agius sa minn dejjem, Salvina Agius sa mit-twelid u Anthony Bonnici sa mill-gherusija lura fis-sena 1983. Bis-sahha tal-genituri taghhom jghaddu wkoll l-intimati l-ohra uliedhom.

c) Il-Qorti rat ukoll li l-ezistenza tat-trejqa shiha, nkluz il-parti llum proprjeta' tar-rikorrent, giet konfermata minn diversi

xhieda familjari tal-partijiet u bosta dokumentazzjoni fosthom pjanti esebiti minn numru ta' dipartimenti u entitajiet fl-atti.

d) Il-Qorti rat ukoll li d-diversi ritratti, hafna minnhom li jmorru lura ferm fiz-zmien, lkoll jevidenzjaw l-ezistenza tat-triq shiha u li minnha kienu jitilghu diversi vetturi fosthom tal-partijiet, ta' familjari taghhom u servizzi minghajr ebda xkiel.

Il-Qorti tqis li anki li kieku kellha biss merament tiehu t-terminu sa mis-sena 1983 cioe' z-zmien meta l-intimat Anthony Bonnici beda jmur fir-residenza tal-genituri tal-intimata Salvina Bonnici, fejn dawn tal-ahhar jirrizulta li lkoll kienu juzaw din it-triq bl-animu li hija taghhom u li ghandhom il-jedd jghaddu minnha, jirrizulta li huwa sodisfatt il-perjodu ta' tletin (30) sena rikjest mil-ligi. Fil-fatt il-kawza giet intavolata nhar l-14 ta' April, 2015 ghalhekk oltre dan it-terminu. Detto cio' l-Qorti hija konvinta li favur l-intimati Joseph Agius u Salvina Bonnici dan it-terminu kienu ilu sodisfatt minn ferm qabel.

**Is-servitu ta' moghdija stante l-interkluzjoni u l-preskrizzjoni akwisittiva:**

Illi kif sewwa jsostnu r-rikorrenti fis-sottomissjonijiet taghhom l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akwisittiva fil-kaz ta' sevitu ta' moghdija tinkiseb biss fic-cirkostanza li l-fond ma jkollux hrug iehor fuq triq pubblika. Fil-fatt l-artikolu 469 tal-Kap. 16, Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta jaqra kif isegwi:

'Art 469 (1) Is-servitujiet kontinwi li ma jkunux jidhru, u s-servitujiet mhux kontinwi, ikunu jew ma jkunux jidhru, jistghu biss jigu stabbiliti b'sahha ta' titolu; huma ma jistghux jigu

stabbiliti bil-preskrizzjoni jew bid-destinazzjoni ta' sid ta'zewg fondi.

(2) B'danakollu, is-servitù ta' moghdija ghall-uzu ta' fond tista' tinkiseb bil-preskrizzjoni ta' tletin sena, jekk dan il-fond ma jkollux hrug iehor fuq it-triq pubblika; u kull servitù ohra li, fil-11 ta' Frar, 1870, kienet ga miksuba taht ligijiet ta' qabel, ma tistax tigi attakkata. "

Dwar dan l-artikolu tal-ligi jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet Maria Giovanna Vella vs. Arturo Grech, Qorti tal-Appell datata 13 ta’ April, 1951 kif isegwi:

"Is-servitu ta' passagg ma tistax tigi akkwistata hlief bis-sahha ta’ titolu. Biex tista tigi akkwistata bil-preskrizzjoni hemm bzonn li l-fond pretiz dominanti jkun interkjuz, jigifieri li ma jkollux hrug ghat-triq ghax ikun imdawwar bil-fondi vicini. Dik l-interkjuzura pero ma tridx tkun l-effett ta bejgh, tpartit jew qasma, imma trid tkun l-effett ta’ avveniment indipendenti mill-volonta tal-proprjetarju tal-fond pretiz dominanti jew ta' l-awturi tieghu."

Illi l-artikolu 447 tal-Kodici Civili dwar l-interkjuzura jaqra kif isegwi:

‘1) Is-sid li l-fond tieghu m’ghandhux hrug fuq it-triq pubblika, jista jgieghel lis-sidien tal-fondi ta magenbu li jaghtuh il-moghdija mehtiega, bi hlas ta kumpens proporzjonat ghall-hsara li ggib dik il-moghdija.

(2) Din il-moghdija ghandha ssir f’dik il-parti fejn tkun ta l-anqas hsara ghall-persuna li fuq il-fond taghha tigi moghtija.’

L-artikolu 449  jaqra ulterjoment:

'Jekk il-moghdija moghtija kif jinghad hawn fuq ma tibqax mehtiega, minhabba l-ftuh ta' triq gdida, jew it-taghqid tal-fond ma' iehor li jmiss mat-triq pubblika, is-sid tal-fond serventi jista' jitlob it-tmiem ta' dak il-jedd ta' moghdija billi jrodd l-indennizz li jkun ha jew billi ma jissoktax jiehu l-hlas ta' kull sena li jkun gie miftiehem.'

Illi applikati l-principji suesposti ghall-kaz odjern jirrizulta lil din il-Qorti kif isegwi:

a) Illi fir-rigward tat-trejqa li ilha  ezistenti sa minn qabel is-sena 1967, f'dik il-parti tar-raba' li hija mikrija llum lir-rikorrent u precedentement lill-missieru l-intimat Joseph Agius,  jirrizulta li t-titolu tar-rikorrent huwa biss dak ta' inkwilin u huwa suggett ghal kull dritt ta' passagg jew drittijiet ohra ta' terzi kif impost kjarament fil-kuntratt iffirmati mir-rikorrenti, kif gie aktar il-fuq ikkowat.  Il-Qorti tqis li allura ghal dik il-parti tat-trejqa l-principji suesposti ma japplikawx ghar-raguni li meta l-missier ceda r-raba' johrog car li giet rikonoxxuta anki t-trejqa li tinsab f'nofs ir-raba' tant li  anki r-registrazzjonijiet u l-kuntratti ffirmati mill-istess rikorrenti jirrikonoxxu l-ezistenza tat-trejqa u kif xehed il-missier huwa qatt ma rrinunzja ghall-jedd li jghaddi mill-istess passagg. Il-Qorti tqis li se mai hija l-Awtorita' tal-Artijiet bhala sid li jista' kkollha xi jedd kontra l-intimati f'kaz li  ma tkunx tridhom aktar jaghmlu uzu mill-istess trejqa u mhux ir-rikorrenti.

b)  Illi dwar dik il-parti tat-trejqa fl-ghalqa mmarkata bl-ahmar fuq il-pjanta a fol. 5 (riprodotta aktar il-fuq), llum proprjeta' tar-rikorrenti, li din il-Qorti gia waslet ghall-konkluzjoni li jirrizulta li bhall-parti rimanenti tat-trejqa  ilha  ezistenti sa minn qabel is-sena

1967 u li sa minn dejjem l-intimati familjari tar-rikorrent ghamlu uzu minnha bhala l-uniku access ghar-residenza taghhom partikolarment bil-vetturi, din il-Qorti trid tanalizza jekk din l-interkjuzura tikwalifikax bhala li protetta bil-preskrizzjoni akwisittiva kif fuq spjegat rizultat tal-interkluzjoni.

Il-Qorti jirrizultalha li ghar-residenzi tal-intimati, sallum, l-uniku access li jwassal fuq quddiem ta' dawn ir-residenzi u wkoll li jista' jwassal vetturi sabiex jaccedu l-garaxxijiet tar-residenzi hija t-trejqa in kwistjoni u ebda access iehor.

Jirrizulta fil-fatt li ghalkemm l-intimati Bonnici kienu proprjetarji ta' ghalqa adjacenti ghal dik li ghandha l-passagg bil-konkos u konsegwentement ghaddew biex bieghu l-istess lil terz, illi din l-ghalqa twassal biss ghal fuq il-parti ta'wara tar-residenzi u bl-ebda mod ma tista' taghti access lill-intimati ghall-garaxxijiet u ghall-parti ta' quddiem tar-residenzi li jharsu fuq in-naha l-ohra cioe' fuq it-trejqa in kontestazzjoni. Fuq kollox ghalkemm l-intimati prezentement qed jaghmlu uzu minn din l-ghalqa biex jaslu sar-residenzi taghhom billi jhallu l-vetturi parkeggati fuqha xorta wahda jibqa' l-fatt li din mihiex proprjeta' taghhom u qed jaghmlu hekk biss b'tolleranza pendenti din il-vertenza.

Illi dwar il-passagg bil-konkos fl-ghalqa li tmiss mal-ghalqa mibjugha mill-intimati, jirrizulta lill-Qorti li effettivament li kieku din l-ghalqa titwessa u ssir triq allura din twassal fuq il-parti ta' quddiem tar-residenzi u taghti wkoll access bil-vetturi ghall-garaxx tal-intimati. Jirrizulta izda li din l-ghalqa baqghet dejjem tinhadem (in vista tal-ezistenza tat-trejqa l-ohra). Illum il-gurnata din l-ghalqa jidher li hija fil-maggor parti taghha proprjeta' tal-intimati Bonnici u f'sehem anqas proprjeta' tar-rikorrent. Hareg mill-provi li ghalkemm l-intimati Bonnici pproponew li tkun din l-

ghalqa li tigi konvertita fi triq sabiex jispicca l-bzonn taghhom li jaccedu mill-parti tat-trejqa proprjeta' tar-rikorrenti wahdu, huwa l-istess rikorrent li qed jirrifjuta li jiftiehem dwar dan, fil-fatt ma jichadx fix-xhieda tieghu li huwa jahdem l-istess ghalqa anzi jikkonferma. Fil-fatt hareg mill-provi li r-rikorrent jahdem din l-ghalqa huwa stess ghalkemm mhux kompletament proprjeta' tieghu.

Illi minn dak suespost johrog li huwa l-istess rikorrent li qed irendiha mpossibbli ghall-intimati li jaccedu minn post iehor adegwat ghar-residenzi taghhom jekk mhux mit-trejqa li parti minnha tghaddi minn fuq l-ghalqa proprjeta' tieghu. In oltre jirrizulta lil din il-Qorti li filwaqt li dik il-parti tat-trejqa ezistenti fuq il-proprjeta' tieghu, ilha sservi bhala tali ghal ghexieren ta' snin twal, l-ghalqa l-ohra fejn hemm il-passagg tal-konkrit dejjaq ghadha tinhadem mill-istess rikorrent w'ghalhekk ghad ghandha uzu agrikolu. Il-Qorti ghalhekk tqis li sallum is-sitwazzjoni hi li l-uniku access adegwat ghar-residenzi u l-garaxxijiet tal-intimati huwa dak mit-trejqa in kontestazzjoni li in parti tghaddi minn fuq l-ghalqa proprjeta' tar-rikorrenti. Sallum, fit-termini tal-artikolu 477 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizulta lil din il-Qorti li huwa minn din it-trejqa in kwistjoni li jirrizulta li ssehh l-anqas hsara lis-sid cioe' r-rikorrent stante li t-trejqa in kwistjoni ilha ffurmata snin twal filwaqt li jekk l-access isir mill-ghalqa fejn hemm il-passagg tal-konkos allura l-istess rikorrent ikollu jieqaf jahdem l-istess ghalqa a skapitu tieghu stess.

Illi in vista ta' dak kollu suespost il-Qorti ghalhekk tqis li l-intimati rnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha rikjesti mil-ligi sabiex tirnexxi l-eccezzjoni taghhom tal-preskrizzjoni akwisittiva ghad-dritt ta' moghdija mit-trejqa in kontestazzjoni kemm minn dik il-parti tar-raba' li s-sid taghha hija l-Awtorita' tal-Artijiet u mikrija

lir-rikorrent kif ukoll dik il-parti ferm izghar tat-trejqa li tghaddi minn fuq il-proprjeta' tar-rikorrent.

Naturalment u minghajr pregudizzju ghal dak deciz minn din il-Qorti fis-sentenza odjerna, in vista tal-ezistenza tal-ghalqa li bhalissa hija proprjeta kongunta bejn ir-rikorrent Agius u l-intimata Bonnici f'ishma diversi, xejn ma jzomm lill-partijiet milli jiftehemu sabiex l-access ghar-residenzi kemm bil-mixi kif ukoll bil-vetturi jsir minn fuq din l-ghalqa sabiex jispicca l-bzonn tal-uzu tat-trejqa in kontestazzjoni f'liema kaz jiskatta l-provvediment tal-artikolu 449 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Sitwazzjoni li izda jirrizulta li sa issa ma avveratx ruhha.

**Konkluzjoni:**

Illi in vista ta' dak deciz aktar-il fuq isegwi li t-tielet u r-raba' eccezzjoni tal-intimati huma wkoll gustifikati liema eccezzjonijiet jaqraw kif isegwi:

'(3) Illi meta r-rikorrent akkwista l-art maghrufa bhala 'Iz-Zonqor', fl-Marsascala, parti minn din l-art diga kienet indikata bhala passagg kif jirrizulta mir-ritratti aereji tal-MEPA - Dok AB1 u AB2 - u uzata bhala tali kemm mill istess rikorrenti kif ukoll mill-intimati Anthony u Salvina konjugi Bonnici kif ukoll minn Joseph Agius, missier ir-rikorrenti;

(4) Illi l-binjiet tal-intimati Anthony u Salvina konjugi Bonnici kif ukoll minn Joseph Agius, huma interkjuzi u ghalhekk ghandhom dritt li jkollhom hrug ghat-triq pubblika; billi, kif fuq inghad, kien hemm diga dan il-hrug permezz ta' trejqa/passagg ezistenti, l-esponenti kif ukoll ir-rikorrenti (li jirrisjedi f'binja appogg ma dik

tal-esponenti) bagghu juzaw dan il-passagg bhala hrug ghat-triq pubblika.'

Dwar it-tielet eccezzjoni wahedha izda l-Qorti tirrikonoxxi li ghalkemm din tirrizulta li hija l-verita' tal-fatti, din ma taghti l-ebda jedd lill-intimati izda tindika biss stat ta' fatt.

Il-Qorti zzid li r-raba' eccezzjoni tirrikjedi ezami tal-provi li gia sar taht it-tieni eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni tant li l-interkjuzura o meno giet analizzata wkoll taht it-tieni eccezzjoni fejn din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li verament tezisti l-interkjuzura tal-proprjeta' tal-intimati.

In vista wkoll ta' dak suespost, il-Qorti, stante li ser tghaddi sabiex tilqa' it-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjoni tal-intimati, *per conseguenza* ser tghaddi sabiex tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet rikorrenti stante li dak mitlub jirrizulta mill-kuntratti u skritturi esebiti fl-atti filwaqt li ser tghaddi sabiex tichad it-tielet u r-raba' talba tar-rikorrent.

Stante wkoll li jirrizulta lil din il-Qorti li din il-kawza saret mir-rikorrent kjarament sabiex tivvessa bi shih lill-intimati li jigu missieru (llum mejjet), ohtu u l-familjari taghha, l-Qorti tqis li r-rikorrenti ghandhom ibaghtu l-ispejjez kollha ta' din il-kawza.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati;

2. Tilqa′ it-tieni u r-raba′ eccezzjoni tal-intimati dwar il-preskrizzjoni akwizittiva ta′ tletin (30) sena rizultat ta′ interkluzjoni tal-proprjeta taghhom u r-rizultanza tal-istess interkluzjoni, a favur izda biss tal-intimati Joseph Agius, Anthony Bonnici u Salvina Bonnici filwaqt li fir-rigward ta′ uliedhom l-intimati l-ohra il-jedd taghhom jigi mill-jedd akkwistat mill-genituri taghhom u mhux direttament favur taghhom.
3. Tilqa′ l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti sakemm dawn jikkonfermaw biss l-istat ta′ fatt dwar kif il-proprjeta′ in kwistjoni ssejjah lir-rikorrenti u cioe′ in parte bhala kirja minghand l-Awtorita′ tad-Djar u l-parti l-ohra bhala sidien tal-istess u sakemm dawn huma kompatibbli ma′ dak hawn deciz;
4. Tichad it-tielet u r-raba′ talba tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**13 ta′ Marzu, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**13 ta′ Marzu, 2024**